KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 39/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 39

*L-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċċju l-antik tal-Kunsill Lokali Paola fi Pjazza Antoine De Paule Paola, nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsilliera Axisa kien ser jingħaqad b'mod virtwali.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 38 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq fil-laqgħa.

4. ***<u>Financial Statements</u>***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-membri l-istqarrijiet finanzjarji aġġustati wara l-proċess tal-awditjar, liema proċess issa inbidel xi ftit u ser jibqa' isir biss fuq l-kotba finanzjarji u l-preżentazzjoni tagħhom. Il-membri approvaw dawn l-istqarrijiet kif aġġustati u ppreżentati.

5. **<u>Kuntratti tas-Soft Areas, Knis u Ġbir ta' Skart</u>**

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi issa beda jopera il-kuntrattur il-ġdid tas-*soft areas* u l-ġonna u wara s-sitwazzjoni li sab kien hemm bosta xogħolijiet li riedu isiru flimkien max-xogħolijiet ta' kuljum. Kompla li sfortunatament il-Kuntrattur kien għad fadallu ftit x'jaqdef u infatti kkonferma li l-pjanti li laħqu mietu ser jinbidlu mill-kuntrattur innifsu.

5.2. Dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart, is-Sindku qal li wara laqgħat li saru jidher li sar progress fix-xogħol li però fadal ftit nuqqasijiet li iridu jitranġaw bħal kameras mat-trakkijiet u l-uniformijiet li għadhom ma sarux. Is-sindku talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur. Il-Kunsillier Camilleri qal hu kellu laqgħa skedata mal-kuntratturi tal-

iskart, li però ma kienux attendew għax inqabdu fuq xogħol u sfortunatament din il-laqgħa ma saritx.

5.3. Dwar il-kuntratt tal-knis is-Sindku qal li issa wasal iż-żmien li ikunu implimentati il-multi kif pprovduti fit-tender, fid-dawl li l-ilmenti li kienu qed isiru dwar in-nuqqasijiet fil-knis għadhom preżenti. Is-Sindku kompla li għadhom qed jinqabżu numru ta' toroq. Kompla wkoll li mhux sewwa li jitkomplew jissewwew il-ħsarat li isiru fil-bins minħabba nuqqasijiet tal-kenniesa. Dwar il-kuntrattur tal-knis il-Kunsillier Camilleri qal li iridu isiru id-*data track* mal-karretti tal-knis sabiex ikollna l-informazzjoni kollha u tkun tista' tittieħed azzjoni.

5.4. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandom isiru laqgħat mal-kuntratturi imsemmija sabiex dawn in-nuqqasijiet ikun ċċarati u f'każ li jkun meħtieġ jiġu applikati il-multi kif imsemmija fit-tenders. Is-Sindku qal li din tkun l-aħħar laqgħa u mhux ser ikunu tollerati aktar nuqqasijiet.

## 6. <u>Offerti</u>

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkompla ix-xogħol li kien qed isir mal-Aġenzija tal-Enerġija u l-ilma sabiex isir tender tal-installazzjoni tal-panelli u batterija fil-kunsill, liema proġett kien diskuss f'laqgħat preċedenti u jinkludi wkoll kampanja edukattiva li turi l-enerġija ġġenerata mill-panelli u miżmuma wkoll fil-batterija.

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal issa li wasal iż-żmien li joħroġ it-tender li jinkludi fih l-installazzjoni ta' pannelli solari ġodda, batterija u monitor. Il-membri approvaw il-ħruġ tal-offerta bl-istima tkun ta' €25,000. Il-membri approvaw ukoll l-bord tal-evalwazzjoni tal-istess offerta li ser ikun magħmul minn uffiċjali/inġiniera tal-istess aġenzija. Is-Sindku fakkar li l-proġett ser ikun ffinanzjat mill-aġenzija imsemmija.

*Il-Kunsilleir Axisa daħal issa b'mod virtwali.*

## 7. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi fis-siegħat li ġejjin ser jibda xogħol fuq il-*man holes* tal-pjazza mill-kuntrattur li għamel ix-xogħol fil-pjazza. Is-Sindku qal li dawn ser ikunu ffinanzjati mill-Kunsill però mbagħad ikunu parti mill-pakkett tax-xogħolijiet li ser ikunu qed isiru mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-arti u l-Gvern Lokali.

7.2. Is-Sindku qal għaddej ukoll ix-xogħol fi Ġnien Lorry Sant fejn beda ix-xogħol fuq il-ħitan tal-ġebel. Huwa żied li tneħħew ukoll is-siġar invasivi u minflokhom ser ikunu imwaħħla numru ta' siġar oħra kif innotat mill-ERA. Is-Sindku qal li fi ftit ġimgħat oħra ser ikun ukoll jista' jibda ix-xogħol fuq Ġnien Tony Bezzina.

7.3. Is-Sindku xtaq jirrimarka illi dwar il-proġett tal-Ipoġew li qed isir minn Heritage Malta, fejn qed isir il-pavimentar fi Triq iċ-Ċimiterju, id-dewmien tax-xogħol kien minħabba li kellu bżonn jinbidel main ġdid tal-ilma. Kompla li parti mill-proġett saru servizzi kollha ġodda kif ukoll għaddew cables tal-fibre optic. Hawnhekk is-Sindku irrimarka dwar kummenti li saru fuq il-mezzi soċjali fejn ġie insinwat fost l-oħrajn li l-proġett sar sabiex tkun tista' ssir kafetterija u li il-Kunsill sadd id-drenaġġ ta' ħanut partikolari fit-triq. Fl-istess mezzi soċjali is-sindku qal li persuni tiġa qalu li hemm applikazzjoni għal kafetterija, liema applikazzjoni mhux minnhu hija għall-kafetterija imma biex tinbidel liċenzja għall-ħanut ta' retail u biex tinfetaħ tieqa. Fl-isfond ta' dawn ir-rimarki li qed isiru minn persuna partikolari, is-Sindku talab li jinfetaħ libell mill-Kunsill fid-dawl ta' dan il-gideb. Wara diskussjoni il-membri ma qablux li jinfetaħ libell filwaqt li ikkonfermaw li ħadd mill-membri m'għandu dubju fl-integrita tas-Sindku.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Bartolo staqsa lis-Sindku jekk is-siġar li mietu fil-pjazza jistgħux jinbidlu għal siġar maturi u li jħaddru is-sena l-oħra. Is-Sindku qal li ser jagħmel tajjeb il-kuntrattur għas-siġar u l-pjanti mejta u ser jinbidlu mill-istess kuntrattur.

8.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-spray u l-marki li saru fuq il-bankina l-ġdida ta' Triq Bormla. Is-Sindku qal li wara li ingħalaq ix-xogħol tat-tarmak ingħata il-qatran fil-ġenb tat-triq, parti mill-proċess normali li isir, li però jidher li kemm nies u ħaddiema li għamlu l-passi wara li rifsu dan il-qatran. Kompla li l-spray tal-marki li saru faċilment imorru biż-żmien, però xorta kien ġibed l-attenzjoni ta' Infrastruttura Malta sabiex ix-xogħol jitnaddaf.

8.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar ħsara fil-bankina li hemm fi Triq tal-Borġ kantuniera ma Triq Qalb ta' Ġesù. Is-Sindku qal li ser jara il-każ u jekk hemm ħsara titranġa u talab li ilmenti bħal dawn iridu jitressqu mal-ewwel il-Kunsill u mhux wieħed jistenna il-laqgħa biex jitressaq ilment.

8.4. Il-Kunsillier Arqueros staqsiet jekk sarx xogħol fi Ġnien il-Mediterran fejn hemm il-kmamar tal-qtates. Is-Sindku qal li irid jiċċekkja però jaf li kellu isir ix-xogħol tal-preparamenti sabiex jitwassal servizz tal-elettriku ġdid fil-ġnien liema xogħol qed isir bħala parti mill-Ġnien tal-Covid.

8.5. Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar bieb li infetaħ fil-green corridor li jagħti għall-pjazza. Is-Sindku qal li fiż-żmien li sar ix-xogħol tal-pjazza, il-Kunsill kien talab sabiex isir ħajt sħiħ mal-medda tal-green corridor u dan kien integrat fil-permess u fix-xogħol li sar. Kompla li jidher li fil-proċess tal-applikazzjoni tal-proġett tal-ħanut li hemm fi Triq Bormla li fuq wara tiegħu jagħti għall-green corridor, is-Sanita talbet sabiex isir bieb ieħor fuq wara mingħajr ma dawn kkonfermaw jekk kienx hemm ħajt ieħor fuq wara. Is-Sindku żied li fid-dawl li intmiss propjetà ta' ħaddieħor kien talab fl-immedjat sabiex il-Perit tal-Kunsill jieħu l-passi kollha neċessarji mal-Awtoritajiet tal-Ippjanar sabiex jitwassal ilment uffiċjali u l-ħajt jerġa jingħalaq.

8.6. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet jekk jistax isir xogħol fuq il-grada tal-entratura taċ-ċentru ċiviku. Is-Sindku qal li l-akwata hija kollha fir-responsabiltà tal-Gvern u kien ser jissuġġerixxi illi isir ix-xogħol mit-Taqsima tax-Xogħolijiet tal-Gvern.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 39 għas-somma ta' €49,369.09

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-membri awguraw l-isbaħ xewqat lill-Pawlisti fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Re ċċelebrata il-ġimgħa li ġejja.

10.2. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:10pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 24 ta' Awissu 2022.

10.3. Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' Awissu 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |